# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1303

## tal-5 ta' Awwissu 2021

## li jirtira l-protezzjoni mogħtija lid-Denominazzjoni ta' Oriġini ("Neusiedlersee-Hügelland" (AOP))

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 106 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 19 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33 ([2]) jistipula li l-proċedura stabbilita fl-Artikoli 94 u 96 sa 99 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għandha tapplika *mutatis mutandis* għat-tħassir ta' Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta skont it-tifsira tal-Artikolu 106 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

(2) Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/33, it-talba tal-Awstrija għat-tħassir tad-Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta "Neusiedlersee-Hügelland" ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([3]).

(3) Billi l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 98 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, id-Denominazzjoni tal-Oriġini Protetta "Neusiedlersee-Hügelland" għandha titħassar.

(4) Fid-dawl tat-tħassir tal-protezzjoni tad-Denominazzjoni ta' Oriġini "Neusiedlersee-Hügelland", l-elenku tagħha għandu jitħassar mir-reġistru tad-Denominazzjonijiet ta' Oriġini Protetti u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti tal-Unjoni għall-inbejjed imsemmija fl-Artikolu 104 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-protezzjoni mogħtija lid-Denominazzjoni ta' Oriġini "Neusiedlersee-Hügelland" (DOP) hija mħassra.

*Artikolu 2*

L-elenku tad-Denominazzjoni ta' Oriġini "Neusiedlersee-Hügelland" (DOP) fir-reġistru tad-Denominazzjonijiet ta' Oriġini Protetti u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti għall-inbejjed hija mħassra.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33 tas-17 ta' Ottubru 2018 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni ta' Denominazzjonijiet ta' Oriġini, Indikazzjonijiet Ġeografiċi u termini tradizzjonali fis-settur tal-inbid, il-proċedura ta' oġġezzjoni, ir-restrizzjonijiet tal-użu, l-emendi għall-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott, it-tħassir tal-protezzjoni, u t-tikkettar u l-preżentazzjoni (ĠU L 9, 11.1.2019, p. 2).

([3]) ĠU C 57, 17.2.2021, p. 28.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Awwissu 2021.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN